**IN-NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SEBA' KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 81 L-ERBGĦA 16 TA' JANNAR 2019**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fil-17:35.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Sindku |
| | Clinton Sammut | Viċi-Sindku |
| | Alexander Agius | Kunsillier (wasal 5.39 pm) |
| | Noel Gatt | Kunsillier (wasal 6.07 pm) |
| | Pierre Sciberras | Kunsillier (wasal 5.50 pm) |
| | Maryanne Cuomo | Kunsillier |
| | Marlon Brincat | Kunsillier |
| | Joe Spiteri | Kunsillier |
| Skużati | Clifford Galea | Kunsillier |
| Uffiċjali preżenti: | Paul Gatt | Segratarju Eżekuttiv |
| | Yanika Borg | Uffiċjal Eżekuttiv |

Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) informa li l-laqgħa qed tiġi trasmessa *live* kemm fuq l-*internet* kif ukoll fuq il-paġna ta' *Facebook*.

## 1. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI

1.1 Is-SE informa li l-kunsillier Galea infurmah li ma jistax' jattendi minħabba xogħol. il-Kunsillier Gatt infurmaħ li kien se jasal tard. Informa wkoll li l-Kunsillier Sciberras aktarx jasal tard u jista' jkun ma jlaħħaqx jiġi għal-laqgħa.

## 2. TIBDIL FL-ORDNI TAL-LAQGĦA

2.1 Il-Kunsill qabel li l-ordni tal-aġenda tinbidel skont kif se tidher f'dawn il-minuti.

## 3. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

3.1 Ġew imressqa l-minuti tal-laqgħat numru 80.

3.2 Il-Minuti kienu approvati wara rakkomandazzjoni mill-Kunsillier Cuomo u ssekondha l-Viċi Sindku.

3.3 F'dan il-ħin wasal il-Kunsillier Agius. Il-ħin kien 5.39pm.

**4. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU**

4.1 Is-Sindku pproponiet li tintbagħat stqarrija b'imejl dwar l-i*speed camera* li kienet se ssir fi Triq San Pawl minħabba li din saret mingħajr konsutlazzjoni mal-Kunsill.

4.2 Il-Kunsillier Brincat fakkar li din it-talba ġiet diskussa bosta drabi iżda l-Kunsill qatt ma qabel li din issir. Is-SE fakkar li l-aħħar li kienet diskusssa kien f'Lulju 2018 u ma kinitx approvata.

4.3 Fuq proposta tas-Sindku u ssekondata mill-Viċi Sindku, il-Kunsill qabel li ssir kjarifika fl-istqarrija peress li t-tabelli li twaħħlu, li jindikaw li ġejja speed camera, sadanittant tneħħew.

4.4 Is-Sindku fakkret li kellha ssir konferenza stampa f'Baħar iċ-Ċagħaq. Dwar dan infurmat li se tikkomunika mal-Kunsilliera Cuomo.

4.5 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li l-istoriku Paul Catania se jippubblika ktieb ġdid dwar l-istorja tan-Naxxar. Huwa talab lill-Kunsill jikkontribwixxi s-somma ta' Eur 2,760 għall-istampar tiegħu. Il-Kunsill ikollu 50 kopja b'xejn u b'hekk il-prezz jibqa' raġjonevoli għal min ikun jixtieq jakkwista kopja u allura l-Kunsill ikun qiegħed iwassal l-istorja tan-Naxxar ma' aktar nies. Il-Kunsill qabel, fuq proponiment tas-Sindku u ssekondata mill-Kunsillier Agius.

**5. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TA' ĦLASIJIET**

5.1 Ġew ippreżentati r-rapporti finanzjarji. Dawn ġew approvati fuq proponiment tal-Kunsillier Brincat ssekondat mill-Kunsillier Spiteri. Dawn huma annessi f'A.

5.2 Is-SE ppropona li l-impjegati kollha jingħataw il-*Performance Bonus* bir-rata sħiħa ta' 6%. Il-Kunsill qabel unanimament.

5.3 Fuq proposta mis-Sindku l-Kunsill qabel ukoll li s-SE jingħata l-*Performance bonus* sħiħ ta' 10%.

5.4 F'dan il-ħin wasal il-Kunsiller Sciberras. Il-ħin kien 5.50pm

**6. BAĠIT U PJAN TA' TLIET SNIN**

6.1 Is-SE informa lill-Kunsill x'hemm bżonn li jidħol fil-baġit bħala infieq rikorrenti u talab suġġerimenti mingħand il-Kunsill dwar x'għandu jiddaħħal fil-baġit bħala proġetti kapitali.

6.2 Is-Sindku pproponiet li jiżdiedu tisbieħ ta' spazji miftuħa u talbet li din tiddaħħal fil-baġit.

6.3 Il-Kunsillier Brincat ippropona li jsir xogħol ta' manutenzjoni u upgrading fi Ġnien Mornago.

6.4 Is-Sindku pproponiet ukoll li fil-baġit jiddaħħlu inizjattivi għall-annimali.

6.5 Il-Kunsillier Cuomo talbet li jsir aktar xogħol f'Baħar iċ-Ċagħaq.

6.6 F'dan il-ħin wasal il-Perit tal-Kunsill. Il-ħin kien 6.04pm.

6.7 Il-Laqgħa ġiet sospiża. (6.04pm).

6.8 Il-Kunsillier Gatt wasal fis-6.07pm.

6.9 Il-Kunsillieri Cuomo u Brincat talbu li jkunu skużati mill-kumplament tal-laqgħa. Il-ħin kien 6.28pm.

6.10 Il-Laqgħa kompliet fis-7.15pm.

7. **RIŻENJA/ IMPJIEG ĠDID**

7.1 Is-SE infroma lill-Kunsill li waħda mill-impejgati tal-kunsill tat ir-riżenja tagħha. Il- Kunsill approva li tinħareġ sejħa għal impjieg ta' skrivan/a fuq proposta tas-Sindku u ssekondatat mill-Kunsillier Brincat.

7.2 Il-Kunsill qabel li fuq il-bord tal-għażla jkun hemm il-Kunsillier Gatt, il-Viċi Sindku u s-Sindku.

8. **TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI**

8.1 Is-SE informa lill-Kunsill li dakinhar filgħodu s-Sindku rċeviet mistoqsijiet mingħand il-Kunsillier Sciberras. Dawn il-mistoqsijiet se jiġu mwieġba fil-laqgħa li jmiss.

9. **RAPPORT MIS-SOTTO-KUMITAT TAT-TALBIET U LMENTI**

9.1 Is-SE qara l-każijiet kollha lill-Kunsill.

9.2 Dwar każ numru 8141, il-Kunsill qabel li jitlob pjan mingħand il-perit għal Triq Giuzeppe Stivala kollha.

9.3 Il-Kunsillier Sciberras talab li jkun skużat għal kumplament tal-laqgħa. Il-Ħin kien 7.31pm.

9.4 Il-Kunsill qabel li jipposponi l-laqgħa għal ftit minuti. Il-ħin kien 7.45pm.

9.5 Il-laqgħa kompliet fis-7.50pm.

10. **OFFERTI GĦAL XOGĦLJIET U SERVIZZI**

10.1 Is-SE informa li dawn l-aħħar sitt xhur ħarġu numru rekord ta' offerti; għoxrin tender b'kollox. Huwa rringrazzja lil kull min huwa nvolut tal-koperazzjoni tagħhom.

10.2 Huwa ressaq rendikont tas-sitwazzjoni tal-offerti kif ukoll ta' dawk li hemm il-pjan li jiġu ppublikati.

11. **TEAM BUILDING SESSIONS/ TAĦRIĠ**

11.1 Il-Kunsill innota li dan l-item ma jistax jiġi diskuss minħabba li m'għandux biżżejjed informazzjoni.

12. **LAQGĦA TAL-LOKALITÀ**

12.1 Il-Kusnill qabel li laqgħa tal-lokalita' ssir fit-22 ta' Frar fis-6.30pm.

13. **PROĠETT GĦALL-PJAZZA/ LABOUR AVENUE**

13.1 Dan il-proġett ġie diskuss mal-Perit. Is-SE talab lill-Kunsilliera jibgħatulu l-opinjonijiet tagħhom b'imejl.

14. **POSTMORTEM DWAR L-ATTIVITA' TAL-MILIED U ATTIVITAJIET OĦRA**

14.1 Il-Kunsill qabel li l-attivtà tal-Milied kienet suċċess kbir. Il-Kunsill qabel li din l-attività tibqa' ssir fi Triq Santa Luċija.

14.2 Għaż-żjara li jmiss bħala parti mill-proġett *Solidarity for Heritage* hemm tliet Kunsilliera nteressati li iżda għadhom mhux ikkonfermati. Se tipparteċipa wkoll uffiċjal mill-amministrazzjoni, is-Sindku u s-SE kif ukoll żewġ membri mill-Għaqda Kulturali Wirt Naxxari.

14.3 Is-SE fakkar li fit-3 ta' Marzu se ssir l-attività annwali tal-Karnival. Il-promozzjoni għal din l-attivtà bdiet u fuq wara tal-flyer li se jintbgħat fid-djar se jkun hemm riklam tal-*point to point transport service*.

14.4 Bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet tal-25 sena mit-twaqqif tal-Kunsill Lokali, il-Kunsill iddiskusta ideat dwar kif jista' jikkommemora dan l-anniversarju.

14.5 Finalment kien maqbul li għandhom isiru tabelli tal-*perspex* bl-ismijiet tal-Kunsillieri kollha li servew u waħda bl-ismijiet tas-Segretarji Eżekuttivi. Dawn jitwaħħlu fis-sala tal-laqgħat.

**15. TMIEM IL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

15.1 Il-Kunsill qabel li l-lagħa li jmiss issir fl-20 ta' Frar fil 5.30pm

15.2 Il-Laqgħa ntemmet fid-8.40pm.

| | |
|---|---|
| **ANNE MARIE MUSCAT FENECH ADAMI** | **PAUL GATT DIP.MGMT (HENLEY), MIM** |
| **SINDKU** | **SEGRETARJU EŻEKUTTIV** |